# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 30 ta' Mejju 2001**

**Numru 2**

**Citaz. numru: 106/89 JF**

**Avukat Dottor Henry sive Eric Mamo ghan-nom u in rapprezentanza tal-Mid-Med Bank Limited; u b'nota tas-6 ta' Frar 1998 l-isem tas-socjeta' Mid-Med Bank Limited gie sostitwit ghal Mid-Med Bank p.l.c. u dana b'rizoluzzjoni generali ta' l-azzjonisti tas-socjeta' Mid-Med Bank Limited tas-17 ta' Dicembru 1999; u b'nota tat-8 ta' Novembru 1999 l-isem tas-socjeta' Mid-Med Bank p.l.c. inbidel ghal HSBC Bank Malta p.l.c. b'rizoluzzjoni mehuda f'laqgha straordinarja ta' l-azzjonisti tas-socjeta' Mid-Med Bank p.l.c. tat-18 ta' Awissu 1999 u dana b'effett mill-1 ta' Dicembru 1999.**

**vs**

**1. Agostino sive Winston Carbone u Eric Brimmer ghan-**

**nom u in rapprezentanza ta' Everest Contractors Limited;**

**2. Agostino sive Winston Carbone ghan-nom u in rapprezentanza ta' F & R Holdings Limited; u b'digriet tal-5 ta' Settembru 1989 il-Qorti awtorizzat l-intervent fil-kawza ta' l-Avukat Dottor Anthony H. Farrugia bhala kuratur tal-minuri Fabienne u Rowan ahwa Carbone.**

**Il-Qorti,**

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tal-11 ta' Dicembru 1995 li tghid hekk:

"Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi b'kuntratt tat-23 ta' Settembru 1985, in atti Nutar Henri Vassallo (Dokument "A") is-socjeta' attrici tat facilita' ta' self lil Everest Contractors Ltd., sas-somma ta' Lm150,000 (mija u hamsin elf lira Maltin) u b'kuntratt iehor tal-21 ta' Marzu 1987, in atti Nutar Mario Bugeja (Dokument "B") tat facilita' ta' self lill-istess socjeta' konvenuta s-somma ta' Lm100,500 (mitt elf u hames mitt lira Maltin) b'kollox Lm250,500 (mitejn u hamsin elf u hames mitt lira Maltin) b'dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet hemm pattwiti fosthom bl-imghax tat-tmienja fil-mija fis-sena.

Premess illi tali sommom gew effettivament versati kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati N-S fid-dati hemm imsemmija.

U premess illi l-bilanc ta' dan is-self lil Everest Contractors Ltd., jammonta ghal Lm292.464.60,5 (mitejn u tnejn u disghin elf, erba' mija erbgha u sittin lira Maltin u sittin centezmu u hames millezmi) u cioe' Lm185.754.75,1 (mija u hamsa u tmenin elf, seba' mija u erbgha u hamsin lira, hamsa u sebghin centezmu u millezmu) fuq Loan Account 1 (Dokument "C") Lm25,699.04,6 (hamsa u ghoxrin elf, sitt mija, disgha u disghin lira Maltin, erba' centezmi u sitt millezmi) fuq Loan Account 2 (Dokument "D"), Lm22,745.62 (tnejn u ghoxrin elf, seba' mija u hamsa u erbghin lira Maltin, tnejn u sittin centezmu) fuq Loan Account 3 (Dokument "E"), Lm23,711.59,8 (tlieta u ghoxrin elf, seba' mija u hdax-il lira Maltin, disgha u hamsin centezmu u tmien millezmi) fuq Loan Account 4 (Dokument "F") Lm27,058.09,5 (sebgha u ghoxrin elf u tmienja u hamsin lira Maltin, disgha centezimi u hames millezmi) fuq Loan Account 5 (Dokument "G"), u Lm7,495.495 (sebat elef, erba' mija u hamsa u disghin lira Maltin, disgha w erbghin centezmu u hames millezmi) fuq Loan Account 6 (Dokument "H") - u dana oltre l-imghax tat-8% mit-23 ta' Settembru 1988.

U premess illi b'kuntratt tat-2 ta' Lulju 1987 in atti tan-Nutar Clyde La Rosa (Dokument "I") kif ukoll bi skrittura ta' l-istess data (Dokument "J"), is-socjeta' F & R Holdings Ltd., iggarantiet "in solidum" id-debitu tas-socjeta' Everest Contractors Ltd., sal-ammont ta' Lm290.04,1 (sic) (mitejn u disghin elf u wiehed u erbghin lira Maltin) bl-imghax relativ.

U premess li l-konvenut nomine, interpellati jhallsu dan id-debitu baqghu inadempjenti.

U premess illi jirrikorru c-cirkostanzi kollha msemmija fl-Art. 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Talab li l-konvenuti nomine dispensat is-smigh tal-kawza a tenur ta' l-Art. 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u in vista ta' l-affidavit ta' l-attur nomine jghidu ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:

1. tikkundannahom "in solidum" jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' Lm292.464.60,5 (mitejn u tnejn u

disghin elf, erba' mija w erbgha u sittin lira Maltin, sittin centezmu u hames millezmi) bilanc ta' somma mislufa lil Everest Contractors Ltd. u garantita minn F & R Holdings Ltd. oltre l-imghax tat-tmienja fil-mija (8%) mit-23 ta' Settembru 1988, b'dan illi l-garanti jkun tenut li jhallas limitatament ghas-somma ta' Lm290,041 (mitejn u disghin elf u wiehed u erbghin lira Maltin) oltre l-imghax kif gia' msemmi.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorji tal-24 ta' Novembru u 6 ta' Dicembru 1988 u dawk taz-zewg Mandati ta' Sekwestru ta' llum kontra l-konvenuti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Agostino sive Winston Carbone nomine li biha jeccepixxi:

1. In-nullita' tal-kuntratti u skritturi kollha li fuqhom qed jibbaza t-talbiet tieghu l-attur nomine stante li ma giex ottenut il-permess mill-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Civili rikjest fic-cirkostanzi sabiex is-socjetajiet konvenuti jintrabtu validament ai termini ta' l-istess kuntratti u skritturi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat ukoll il-kontro-talba tal-konvenut nomine fejn wara li ppremetta kif gej, igifieri li premess illi jirrikorru c-cirkostanzi kollha kontemplati fl-Artikolu 396 tal-Kodici tal-Procedura Civili, il-konvenut nomine qed iharrek lill-attur in via rikonvenzjonali bil-mod kif gej u hemm premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, u,

Premess illi fit-23 ta' Settembru 1985 is-socjeta' konvenuta Everest Contractors Limited, kif rapprezentata minn Agostino sive Winston Carbone, ffirmat kuntratt in atti Nutar Henri Vassallo (Dokument "A") fejn din is-socjeta' inghatat facilita' ta' self mis-socjeta' attrici, bil-pattijiet u kondizzjonijiet kollox ai termini ta' l-imsemmi kuntratt, u

Premess illi l-istess socjeta' konvenuta kif rappresentata ffirmat kuntratt iehor fil-21 ta' Marzu 1987 in atti Nutar Mario Bugeja (Dokument "B") fejn inghatat facilita' ta' self ohra mis-socjeta' attrici, bil-pattijiet u kondizzjonijiet hemm pattwiti, u

Premess illi b'kuntratt tat-2 ta' Lulju 1987 in atti Nutar Clyde La Rosa (Dokument "I") kif ukoll bi skrittura ta' l-istess data (Dokument "J"), is-socjeta' l-ohra konvenuta F & R Holdings Limited kif rapprezentata minn Agostino sive Winston Carbone tat garanzija "in solidum" a favur is-socjeta' konvenuta l-ohra Everest Contractors Limited kollox kif jirrizulta mill-imsemmija dokumenti, u

Premess illi l-imsemmi Agostino sive Winston Carbone ma kienx debitament awtorizzat sabiex jikkonkludi ghan-nom tas-socjetajiet konvenuti l-imsemmija kuntratti u skritturi, u kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza ghal dan il-ghan kien ikun jehtieg li tali kuntratti u skritturi jigu sanciti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, u ghalhekk kulma sar fl-imsemmija kuntratti u skritturi mis-socjetajiet konvenuti kif rapprezentati huwa null u bla effett fil-ligi.

Talab li l-konvenut nomine jghid ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:

1. tiddikjara illi l-kuntratti pubblici msemmija tat-23 ta' Settembru 1985 (Dokument "A"), tal-21 ta' Marzu 1987 (Dokument "B") huma nulli u bla effett kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

2. tiddikjara illi l-kuntratt pubbliku fuq imsemmi tat-2 ta' Lulju 1987 (Dokument "I") kif ukoll l-iskrittura ta' l-istess data (Dokument "J") huma nulli u bla effett kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;

3. tiffissa data hin u lok ghal-pubblikazzjoni tal-konsegwenti att relattiv ghall-kancellament ta' l-ipoteki iskritti fil-kuntratti fuq imsemmija;

4. tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-konsegwenti atti ghall-kancellament ta' l-ipoteki iskritti kif intqal;

5. tinnomina kuratur sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumacja ta' l-attur nomine fuq l-imsemmi kuntratt ta' kancellament.

Bl-ispejjes kontra l-attur nomine.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenut fejn eccepixxa:

1. In-nuqqas ta' interess guridiku tal-konvenut fit-talbiet tieghu;

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess illi l-konvenut ma jistghax jissolleva nullita' ta' obbligazzjoni, liema nullita' allegata hija rizultat ta' att tieghu stess sew ta' kommissjoni sew ta' ommissjoni;

3. Illi l-konvenut proprio et nomine ma kellu bzonn ebda permess jew awtorizzazzjoni mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili biex jiffirma l-kuntratt u skritturi in kwistjoni u jassumi l-obbligazzjonijiet rizultanti;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Agostino sive Winston Carbone et nomine fejn jeccepixxa:

Illi l-konvenut ma kienx debitament awtorizzat skond il-ligi sabiex jikkuntratta ghan-nom tas-socjetajiet konvenuti u ghaldaqstant il-kuntratti mertu ta' din il-kawza huma bla effett fil-ligi.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-intervenut fil-kawza l-Avukat Dottor Anthony H. Farrugia bhala kuratur tal-minuri Rowan u Fabienne Carbone li biha jeccepixxi:

1. In-nullita' tal-kuntratti u skritturi kollha li fuqhom qed jibbaza t-talbiet tieghu l-attur nomine;

2. Illi kif jidher mill-annessi dokumenti (Dokument "AHF1") fil-kuntratt mertu ta' din il-kawza tat-23 ta' Settembru 1985, Winston Carbone deher fuq il-kuntratt ghan-nom tas-socjeta' Everest Contractors Limited, kif debitament awtorizzat mill-annessa rezoluzzjoni tal-Bord ta' Diretturi li ggib id-data tat-28 ta' Awissu 1985, liema rezoluzzjoni l-attur nomine naqas li jezebixxi.

3. Illi din ir-rizoluzzjoni kif esebita, hija estratt mill-minuti ta' laqgha li saret fit-28 ta' Awissu 1985. Fil-fatt originarjament kien gie awtorizzat jiffirma Edward Camilleri ghan-nom tas-socjeta' Everest Contractors Limited fil-laqgha msemmija, izda gara li peress li Edward Camilleri ma kienx ser jibqa' direttur, minghajr ma ssejhet laqgha ohra, dakinhar stess, flimkien ma'

Winston Carbone, Edward Camilleri ghadda resoluzzjoni ohra bhala Chairman fejn inhatar Winston Carbone sabiex jidher fuq l-att mertu ta' din il-kawza. Edward Camilleri wahdu, minkejja li kien Chairman, mhux bizzejjed sabiex jiddelega lil terz sabiex jirrapprezenta lis-socjeta' konvenuta Everest Contractors Limited, ghaliex sabiex il-Bord ikun kostitwit kellu jkun hemm iz-zewg diretturi li dak iz-zmien kienu Edward Camilleri u Eric Brimmer, izda dan ta' l-ahhar ma kienx prezenti ghal din ir-rezoluzzjoni;

4. Illi l-Bord tad-Diretturi ta' Everest Contractors Limited ghalhekk ma kienx awtorizza lil Winston Carbone sabiex jiffirma l-kuntratt imsemmi, u dik li hemm annessa mal-kuntratt, minkejja li tissejjah risoluzzjoni tal-Bord, fil-fatt, mhix rezoluzzjoni kif ghandu jkun sabiex tintrabat is-socjeta'.

5. Illi fit-23 ta' Settembru 1985, meta gie ffirmat il-kuntratt ta' self lil Everest Contractors Limited, id-diretturi ta' din is-socjeta' ma kienux izjed Edward Camilleri u Eric Brimmer, izda mill-10 ta' Settembru 1985 kienu gew innominati Winston Carbone u Vernie Carbone. Dan kien fatt li kien jirrizulta mill-atti f'idejn ir-Registratur tas-Socjetajiet u ghalhekk l-attur nomine kellu l-mezzi kollha sabiex jikkonstata. "Dato ma non concesso" li r-resoluzzjoni annessa mal-kuntratt hija valida minkejja dak kollu li ntqal dwarha hawn fuq, il-mandant ta' Winston Carbone ma kienx izjed fil-kariga meta sar il-kuntratt, u ghalhekk il-prokura li inghatat lil Winston Carbone ma baqghetx valida;

6. Illi meta tajjeb u hazin, sar direttur Winston Carbone, dan ma kienx wahdu fil-Bord izda kien hemm ukoll Vernie Carbone bhala direttrici li mhix firmatarja fuq il-kuntratt tat-23 ta' Settembru 1985, kif rikjest mill-istatut tas-socjeta'. Skond l-paragrafu 7.1 ta' l-istatut tas-socjeta' Everest Contractors Limited "Deeds of whatsoever nature engaging the company, and all other documents purporting to bind the Company, as well as cheques, bills of exchange, promissory notes and other negotiable instruments shall be signed and executed on behalf of the Company by any two directors acting jointly or by any such person or persons jointly or severaly as the Board of Directors may from time to time determine."

7. Illi l-kuntratt tal-21 ta' Marzu 1987, fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja, ukoll mertu ta' din il-kawza, ukoll gie ffirmat minn Winston Carbone wahdu, meta kien hemm ukoll Vernie Carbone direttrici tas-socjeta', kif del resto jirrizulta mill-atti iskritti mar-Registratur tas-Socjetajiet skond l-istess statut tas-socjeta' Everest Contractors Limited, u allura din kellha tiffirma flimkien mad-direttur l-iehor sabiex tkun intrabtet is-socjeta' konvenuta msemmija.

8. Illi bhala konsegwenza tas-suespost il-garanziji moghtija mis-socjeta' konvenuta F & R Holdings Limited permezz tal-kuntratt tat-2 ta' Lulju 1987, fl-atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa huma kollha nulli, stante li l-obbligazzjonijiet principali huma nulli u bla effett kif intqal fuq.

9. Illi minghajr pregudizzju s-socjetajiet konvenuti kienu rapprezentati minn Agostino sive Winston Carbone meta minkejja li kien jidher li huwa direttur tas-socjetajiet konvenuti, ma kienx effettivament mahtur f'dan l-ufficcju, u ma seta' qatt jigi awtorizzat jirrapprezenta lis-socjetajiet konvenuti fuq kuntratti u skritturi bhal dawk in kwistjoni minghajr ma jkun hemm kuratur jirrapprezenta l-interessi tal-minuri fuq imsemmija fis-socjetajiet konvenuti.

10. Illi specifikatament fejn si tratta dwar il-garanziji moghtija mis-socjeta' F & R Holdings Limited, kif jidher mill-istatut ta' l-istess, din is-socjeta' fil-mument tal-formazzjoni ma kellhiex fost il-finijiet kummercjali taghha s-setgha li tiggarantixxi debiti jew obbligazzjonijiet ta' terzi. Din is-setgha inghatat lis-socjeta' f'laqgha straordinarja tas-socjeta' li suppost saret fit-22 ta' Mejju 1987. Din il-laqgha jekk jista' jinghad li saret, saret minn Winston Carbone mieghu nnifsu. Winston Carbone vvota ghan-nom ta' uliedu, mhux sabiex jarrekkixxi l-beni taghhom, izda sabiex ighabbi jew jipoteka l-proprieta' tas-socjeta' taghhom bhallikieku kien kap assolut ta' hwejjeg uliedu u mhux biss amministratur. Ghalhekk qabad u iskriva din l-emenda mar-Registru tas-Socjetajiet minghajr ma kien hemm hadd qed jikkawtela l-interessi ta' l-azzjonisti minuri fir-rigward;

12. Illi dan l-agir kollu mhux konformi mas-setghat moghtija lill-misser bhala amministratur tal-beni ta' uliedu, u lanqas "se mai" bhala direttur mghobbi b'doveri

fiducjari lejn l-azzjonisti ta' socjeta', meta imbaghad l-azzjonisti huma minuri.

13. Illi minghajr pregudizzju ghal dak li intqal rigward in-nomina ta' Winston Carbone bhala direttur, f'kull mument l-interessi tal-minuri fis-socjetajiet kienu f'konfliggenza ma' dawk ta' missierhom meta kien qed jagixxi bhala direttur tas-socjetajiet. Dan ghaliex direttur li ma jkunx huwa stess azzjonista, bhal f'dan il-kaz, jiehu l-kariga tieghu minn ghand dawn l-azzjonisti u huwa soggett ghall-kontrolli li joghgobhom jesercitaw fuqu l-azzjonisti li jkunu qed jafdawlu l-beni taghhom. F'kaz bhal dan kien inkombenti fuq Winston Carbone, ghall-validita' ta' l-azzjonijiet tieghu, li jitlob in-nomina ta' kuratur specjali sabiex ihares l-interessi tal-minuri fis-socjetajiet.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti illi gew esebiti;

Semghat lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u digrieti moghtija kif ukoll in-nota ta' osservazzjonijiet li gew ipprezentati;

Ikkunsidrat illi l-meritu ta' din il-kawza hija s-somma ta' Lm292.464.60,5 (mitejn u tnejn u disghin elf, erba' mija w erbgha u sittin elf lira Maltin sittin centezmu u hames millezmi) li l-attur nomine qieghed jallega li jirrapprezentaw bilanc ta' self kif ukoll interessi kif dettaljatament spjegat fil-premessi ta' l-att tac-cita zzjoni u l-istatements dwar dawn l-akkonti ta' self (ara Dokumenti "C", "D", "E", "F", "G", "H" u kif sorretti wkoll mill-kuntratti esebiti - ara dokumenti "A", "B" u "I" u l-iskrittura ta' garanzija datata t-2 ta' Lulju 1987, kif ukoll l-iskritturi privati ta' self - Dokumenti "W" u "S".

Minn naha tieghu l-konvenut Agostino sive Winston Carbone nomine <u>ma jikkontestax</u> l-ammonti mitluba <u>ut sic</u> riferibbilment ghal dak li huwa <u>quantum</u>. Il-bazi tal-kontestazzjoni tieghu hija li l-kuntratti <u>kollha</u> relattivi u li gew iffirmati bejn l-attur nomine u huwa in rapprezentanza tas-socjetajiet Everest Contractors Ltd. u F & R Holdings Limited huma nulli billi ma otteniex il-

permess mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili rikjest fic-cirkostanzi sabiex is-socjetajiet konvenuti jintrabtu validament ai termini ta' l-istess kuntratti u skritturi. Fil-fatt u ghal dina r-raguni l-istess konvenut Winston Carbone nomine - Eric Brimmer nomine ma jissemmiex - inqeda bil-procedura ta' attur biex jaghmel talba rikonvenzjonali biex jigi dikjarat li l-kuntratti pubblici tat-23 ta' Settembru 1985 (Dokument "A"), dak tal-21 ta' Marzu 1987 (Dokument "B"), dak tat-2 ta' Lulju 1987 (Dokument "C") kif ukoll l-iskrittura ta' l-istess data (Dokument "J" huma nulli u bla effett kif minnu eccepit.

Illi l-attur nomine - fil-fehma tal-Qorti validament u gustament inter alia eccepixxa mhux biss in-nuqqas guridiku tal-konvenut fit-talbiet tieghu imma li l-istess konvenut nomine ma setax jissolleva nullita' ta' obbligazzjoni, liema nullita' allegata hija rizultat ta' att tieghu stess sew ta' kommissjoni sew ta' ommissjoni.

Effettivament ghal dak li jikkoncerna l-kapacita' guridika u l-operat tal-konvenut Winston Carbone ma jidhirx li huwa kellu bzonn ta' xi permess jew awtorizzazzjoni biex jidher u jiffirma l-kuntratti u l-iskrittura de quo.

Fl-atti tal-kawza pero' kien hemm l-intervent ta' l-Avukat Dottor Anthony H. Farrugia bhala kuratur tal-minuri Rowan u Fabienne Carbone li wkoll eccepixxa n-nullita' ta' l-atti de quo. Illi fl-eccezzjonijiet tieghu - li in verita' ghandhom aktar fix-xebh ghal nota ta' sottomissjonijiet milli nota ta' eccezzjonijiet - semma' diversi fatti interni li allegatament sehhew fi hdan id-direttorat u laqghat tal-Bord tas-Socjetajiet konvenuti li skond l-intervenut fil-kawza kienu allura jaghtu lok biex jigu annullati l-kuntratti u l-atti kollha li saru ghan-nom tas-socjetajiet konvenuti da parti tal-konvenut Agostino sive Winston Carbone, u principalment biex jiddimostra li r-Rizoluzzjonijiet mehudin mill-Bord ta' Diretturi ma ttiehdux b'mod validu u a diskapitu ta' l-interessi tal-minuri.

Illi jirrizulta wkoll li l-maggior parti tal-punti sollevati per via ta' eccezzjoni f'din il-kawza mill-intervenut fil-kawza nomine tqanqlu f'kawza ohra separata u ad hoc li giet proprju intavolata mill-istess intervenut fil-kawza bhala kuratur specjali ta' l-imsemmija minuri Fabienne u Rowan ahwa Carbone, kontra Vernie Carbone ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetajiet Everest Contractors

Ltd u F & R Holdings Limited, The Orangery Limited u Overseas Trading Company Ltd., Agostino sive Winston Carbone u l-Avuakt Dottor Eric Mamo ghan-nom u in rapprezentanza tal-Mid-Med Bank Ltd. (Citaz. Nrumu 82/90AM). B'decizjoni ta' din il-Qorti, kif diversament presjeduta, f'sentenza elaborata emanata fil-11 ta' Novembru 1994, gie ritenut li l-intervenut fil-kawza nomine (l-attur fil-kawza citata) ma rnexxilux jipprova l-ewwel talba tieghu, u cioe' li jigi dikjarat illi l-kuntratti pubblici u l-iskritturi hemm annessi huma nulli u bla effett fil-ligi, u filwaqt li laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenut Mamo nomine, cahdet bhala infondata fil-fatt u fid-dritt l-ewwel talba u, per konsegwenza, cahdet ukoll it-talbiet attrici l-ohra, bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

Illi fil-frattemp il-kawza odjerna kienet marret sine die peress li kien ghad hemm pendenti l-kawza l-ohra. Hemm imsemmi fl-atti li mill-kawza l-ohra gie intavolat appell u ghalhekk il-kawza ghadha sub iudice. Minkejja dan, l-attur f'din il-kawza talab li din il-kawza terga' titpogga fuq il-lista u talab li l-kawza tigi deciza indipendentement mill-kawza l-ohra, liema talba giet milqugha. In effett jirrizulta li minn mindu nbdiet din il-kawza, igifieri fis-6 ta' Frar 1989 sal-lum, diga' ghaddew 'il fuq minn sitt snin - kwazi sebgha - u l-Qorti ma dehrilhiex li ghandha tibqa' ttawwal din il-kawza li, f'kaz ta' appell minnha, ikun dejjem jista' jigi trattat u deciz flimkien mal-kawza l-ohra. Mill-bqija din il-kawza tibqa' titqies bhala indipendenti mill-kawza l-ohra.

Illi kif inghad fil-kawza l-ohra istitwita mill-intervenut fil-kawza kontra l-kontendenti l-ohra u li giet deciza fil-11 ta' Novembru 1994 (Citazz. Nru: 82/90AM), is-socjetajiet in kwistjoni kienu validament rapprezentati minn Agostino (Winston) Carbone fuq il-kuntratti u ghalhekk isegwi illi l-obbligazzjonijiet kollha ta' l-istess socjetajiet huma validi legali u vinkolanti purke t-terza persuna (f'dan il-kaz il-Mid-Med Bank Limited) kienet in buona fede. Fl-imsemmija sentenza ghal liema qieghdha ssir riferenza shiha, billi hija kondiviza minn din il-Qorti, kif illum presjeduta, m'hemmx l-icken prova li b'xi mod kien hemm mala fede, jew kolluzjoni da parti ta' l-attur nomine. Jekk imbaghad, l-istess Carbone abbuza billi ecceda l-poteri tieghu, kif qieghed jiddikjara huwa stess fil-kawza, fil-konfront tal-minuri azzjonisti fis-socjetajiet, huwa allura jrid iwiegeb lill-azzjonisti mandanti tieghu.

Diversament ikun ifisser li kwazi ebda negozju ma jkun jista' jigi kondott ma' socjeta' ghaliex kif sostniet il-Qorti fil-kawza l-ohra surreferita

> "ghax terza persuna li qed tinnegozja ma' agent apparenti ta' socjeta' kien ikollha titlob evidenza illi kull regolament intern tas-socjeta' gie skrupolozament osservat; u dan jirrendi negozju impossibbli jew kwazi impossibbli. Ghalhekk korrettament il-Qorti Ingliza (gie citat il-kaz Royal British Bank vs Torquand) stabbilit il-principju illi terza persuna tista' tassumi illi l-proceduri interni tas-socjeta' huma regolari basta ma jmorrux palezament kontra dak li jirrizulta mid-dokumenti pubblici ta' l-istess socjeta'."

Issa d-dokumenti pubblici ghal kull socjeta' (igifieri l-Memorandum u l-Articles juru illi kull socjeta' kellha d-dritt li tissellef u taghti garanziji. Il-Mid-Med Bank Limited ma setghetx tkun taf minn xi abbuz ta' poter li seta' gie ezercitat minn Agostino Carbone. Minbarra dan, ma hemmx kwistjoni li s-socjetajiet konvenuti fil-fatt tassew ircevew l-ammonti fi flus da parti ta' l-attur nomine fis-somom indikati fic-citazzjoni. Anzi fil-kawza l-ohra, ara decizjoni surreferita, irrizulta wkoll li l-flus gew investiti fi progetti immobiljari li arrikkew l-assi ta' l-istess socjetajiet konvenuti gewwa San Giljan. Il-konkluzzjoni fis-sentenza l-ohra hawn citata hija elokwenti hafna u cioe':

> "Skond Winston Carbone, il-progett fil-fatt gie arrikkit bil-flus illi l-Bank ta lill-kumpannija u ghalhekk il-valur tal-progett ghola almenu bl-ammont misluf. Is-socjeta' (persuna legali) ghalhekk staghniet. Bhala rizultat staghnew ukoll l-azzjonisti tas-socjeta' - kemm jekk huma maggorenni, persuni guridici jew minorenni. Dawn l-azzjonisti issa qed jitolbu illi jannullaw il-kuntratti ta' self u ta' garanziji w il-flus li ssellfet is-socjeta'? Dawn ma jissemmewx fic-citazzjoni. L-esponenti mhux qed jifhem illi l-attur nomine qed ifisser li l-flus li hadet is-socjeta' jigu rritornati lill-Bank. Anzi jidher car illi dawn il-flus (illum, konvertiti f'assi immobbli) jinzammu mis-socjeta' u bhala rizultat ahhari jinzammu mill-azzjonisti. U l-azzjonisti qed jitolbu l-barka tal-Qrati ghal dan! Qed jitolbu illi l-kuntatti li bih saru s-self jigu annullati in parte biss u cioe' li

jzomm il-flus li sselfu bil-kuntratti izda jigu annullati l-obbligazzjonijiet naxxenti mill-istess kuntratti. Qed jitolbu lill-Qorti tillegalizza serqa li tammonta ghal nofs miljun lira."

Illi kif gja inghad, dwar il-quantum ma gie eccepit xejn u sal-mument li giet intavolata l-kawza l-ammont dovut kien ta' Lm292.464,60c5m oltre interessi ulterjuri.

Christine Camilleri, supervisor fil-Bank attur, xehdet illi fil-mori tal-kawza ma sar l-ebda pagament la akkont u wisq anqas per saldu. Ix-xhud fl-ahharnett regghet ikkonfermat li l-ammont mitlub kien u ghadu dovut, salvi interessi ulterjuri.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi filwaqt illi tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti nomine u mill-intervenut fil-kawza, tilqa' t-talbiet kollha attrici kif dedotti u fl-ammont mitlub oltre l-imghax kif imsemmi. Qieghdha tigi respinta wkoll l-kontro-talba tal-konvenut nomine bl-ispejjes kontrih.

Il-kap ta' l-ispejjez jithallas mill-konvenuti nomine u bl-interessi ulterjuri kif mitlub sal-pagament effettiv fuq l-ammont tas-sorte in kawza."

Il-konvenut nomine u l-intervenuti fil-kawza hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq citata u permezz ta' rikors tat-2 ta' Jannar 1996 interponew appell quddiem din il-Qorti u dana ghar-ragunijiet moghtija fl-istess rikors.

Ghal dan ir-rikors saret ir-risposta tal-Bank attur fit-12 ta' Jannar 1996 fejn sostna li peress illi s-sentenza tal-Prim'Istanza kienet wahda gusta kienet timmerita konferma u

ghalhekk l-appell kellu jigi michud u dana ghar-ragunijiet moghtija fl-istess risposta.

Ikkunsidrat:-

Illi fir-rigward ta' l-ewwel aggravju fis-seduta tat-18 ta' Mejju 1989 il-konvenut nomine ghalaq il-provi tieghu bix-xhieda ta' Winston Carbone u Edward Camilleri, hlief ghal xi provi dokumentarji li kellhom jigu minnu esebiti fi zmien gimgha. Effettivament gie verbalizzat "*Peress li l-konvenut qed jitlob li jaghmel nota ta' osservazzjonijiet sat-Tnejn, 12 ta' Gunju, u l-attur sas-26 ta' Gunju 1989 bl-intendiment li l-kawza tibqa' ghas-sentenza ghall-11 ta' Lulju 1989.*"

Sussegwentement u cioe' fit-30 ta' Gunju 1989 sar rikors mill-Avukat Dottor Anthony H. Farrugia biex jintervjeni fil-kawza bhala kuratur tal-minuri Fabienne u Rowan Carbone, kif kien gie appuntat mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili. (Effettivament f'din il-kawza a fol. 79 jezisti d-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili li bih gie appuntat l-istess Dottor Anthony H. Farrugia). Dan ir-rikors gie milqugh mill-Qorti tal-Kummerc b'digriet tal-5 ta' Settembru 1989. Fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom tat-3 ta' Ottubru 1989 l-intervenuti fil-kawza eccepew

"*in-nullita' tal-kuntratti u skritturi kollha li fuqhom qed jibbaza t-talbiet tieghu l-attur nomine.*" Fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 1989 il-Qorti tat zmien xahar lill-intervenuti fil-kawza biex jipproponu l-azzjoni biex jattakkaw il-kuntratti u skritturi in kwistjoni, u meta giet infurmata fis-seduta tat-30 ta' Novembru 1989 illi l-kawza kienet sejra tigi proposta fi zmien gimgha, iddifferiet din il-kawza *sine die*.

Fis-6 ta' Jannar 1995 il-Bank attur wara li nforma lill-Qorti li l-kawza li kienet giet proposta mill-interventi fil-kawza ("Avukat Dottor Anthony Farrugia nomine vs Vernie Carbone nomine" - Citazz. Nru: 82/90AM) kienet giet deciza fil-11 ta' Novembru 1994, talab li din il-kawza tigi riappuntata.

Wara certu dewmien minhabba diffikulta' ta' notifiki l-kawza regghet giet appuntata ghall-5 ta' Otubru 1995. Sew il-konvenut nomine kif ukoll il-kuratur ghall-intervenuti fil-kawza kienu gew notifikati bl-avviz tar-riappuntament (tergo a fol. 127). Huma pero' ssejhu ma dehrux fid-data tar-riappuntament kif anqas ma deher id-difensur taghhom u l-Qorti ghalhekk halliet il-kawza ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-11 ta' Dicembru 1995 u dan wara li rapprezentant tal-Bank attur ikkonferma bil-gurament li d-dejn

kien ghadu kollu dovut. Ma sar ebda rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza w effettivament fid-data ndikata s-sentenza giet moghtija mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha fuq moghtija huwa ovvju li l-ewwel aggravju mhux wiehed sostenibbli.

Fir-rigward tat-tieni aggravju l-Qorti zzid biss ma' dak sottomess mill-Bank appellat fir-risposta ta' l-appell tieghu illi l-intervent fil-kawza "ma jwaqqafx il-proceduri taghha" (Artikolu 960 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Il-kawza baqghet dik li kienet bejn l-attur nomine w il-konvenut nomine w il-fatt illi fil-mori ta' l-istess, partikolarment meta l-kawza giet riappuntata minn *sine die* u fil-mument tas-sentenza, il-minuri kienu saru maggorenni ma ghandux iwassal ghan-nuqqas ta' integrita' fil-gudizzju u ghan-nullita' tas-sentenza appellata. Il-gudizzju, dan nonostante, baqghet wiehed integru bejn il-partijiet u dan apparti mill-fatt li, fil-fehma tal-Qorti, kien jispetta lill-istess intervenuti li jirravizzaw lill-Qorti dwar it-tibdil fir-rapprezentanza legali taghhom. Ghal dawn ir-ragunijiet anke dan l-aggravju huwa respint.

Fir-rigward tat-tielet aggravju l-kawza proposta mill-istess intervenuti Citazz. Nru: 82/90 "Avukat Dottor Anthony Farrugia nomine vs Winston Carbone nomine" giet deciza llum minn din il-Qorti.

Din l-istess Qorti taghmel piena riferenza ghall-motivazzjonijiet u ragunijiet ta' fatt u ta' dritt li wassluha ghad-decizjoni taghha f'dik il-kawza, liema motivazzjonijiet ghandhom japplikaw bis-shih ghall-aggravju fil-meritu ta' dan l-appell.

Ghal dawn ir-ragunijiet in aggiunta ma' dawk moghtija fis-sentenza Citazz. Nru: 82/90 deciza llum stess dan l-appell huwa respint u s-sentenza appellata kkonfermata fl-intier taghha. In kwantu ghall-ispejjes ta' dan l-appell pero' wkoll ghar-ragunijiet moghtija f'dik is-sentenza din il-Qorti tordna illi dawn jithallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Deputat Registratur

rf.